MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2011

Numru. 1066/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Khalid Mohamed Farah**

Kumpilazzjoni Nru: 1066/2011

Illum, 20 ta’ Settembru, 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Khalid Mohamed Farah ta’ 25 sena, bin Mohammed u Ivado nee’ Hussein Ale imwieled Somalia fit-3 ta’ Novembru, 1986 u residenti Hal-Far Hanger Centre Hal-Far u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru: 55209A

Akkuzat talli fis-17 ta' Settembru 2011 ghal habta ta' 6.00pm f' Hal-Far Hanger Centre minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mohammed Adan Abdirahman skond kif iccertifika Dr Rene Camilleri mill-iSptar Mater Dei.

Rat l-artikolu 214 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebbieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u c-cirkostanzi kif il-parte leza soffriet l-offiza li fil-fatt soffriet, u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 214 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tigi sospieza ghal perjodu ta' erbgha (4).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------